**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 213/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Colin Ciangura**
**(ID 538194M)**

**Illum, 28 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Colin Ciangura**, ta' 20 sena, iben Andy (Andrew) u Marvic nee` Mifsud, imwieled il-Pieta` nhar it-2 ta' Diċembru 1994, u residenti 75, Gauci Flats, 4, Triq San Ġorġ, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 538194(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-5 ta' Settembru 2015 ġewwa Paceville San Ġiljan:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta', mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żagħżagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha dovuti lil jew li jkunu jmissu lill-akkużat jew huma propjeta' tiegħu, u dan oltre li ġiet mitluba wkoll tipprojbixxi lill-akkużat milli jitrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'kaz ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi kienet qegħda tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Stephen Cachia** in rappreżentanza tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta xehed dwar vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FCI 032 tal-għamla Mercedes ta' kulur fidda, u kif din ġiet trasferita diversi drabi, għalkemm hawnhekk imkien

ma jidher isem l-imputat, kif ukoll illi fuq ismu, l-imputat għandu reġistrata vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni ACD 019 u li din ilha hekk reġistrata mit-12 ta' Awwissu 2015.[1]

2. **PS 579 Antoine Micallef** xehed illi nhar il-5 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-11.30pm waqt li kienu qed iwettqu tfittxijiet fit-*toilet cubicles* tal-istabbiliment *Dash Discotheque* ġewwa Paceville, waqqfu lill-imputat odjern, u PC 213 għamel tfittxija fuq il-persuna tiegħu. Fil-pussess tiegħu ossia fil-but tax-xellug, instab pakkett sigaretti tad-ditta *Pall Mall* ta' lewn aħmar, li kien fih ammont ta' boroż bi trab abjad. Ix-xhud żied jgħid illi l-imputat twaqqaf fil-partijiet komuni tat-*toilet cubicles,* fejn kien qiegħed fil-kju biex jidħol fil-*cubicles* u illi hekk kif daħlu hu u l-kollegi tiegħu, in-nies li b'kollox kienu tlieta, infirxu u waqqfuhom. L-imputat ukoll prova jitlaq 'il barra. Jgħid ukoll illi huma kien lebsin pajżana.[2]

3. **L-Ispettur Gabriel Micallef** xehed illi nhar is-6 ta' Settembru 2015, il-Pulizija kienu għaddew għall-arrest tal-imputat li ttieħed ġewwa l-uffiċju tiegħu għall-investigazzjoni. L-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa ma eżerċitahx. Ix-xhud jgħid ukoll illi kienet saret tfittxija ġewwa fond fil-Ħamrun, li fih kien jirrisjedi l-imputat, fejn il-bieb tal-fond instab sgassat u ġewwa nstabet kaxxa b'*self sealable bags*. Tfittxija f'vettura tal-għamla Mercedes, li ċ-ċwievet tagħha nstabu fil-pussess tal-imputat, irriżultat fis-sejba ta' ċurkett, arloġġ u żewġ *mobile phones*, wieħed tal-għamla Samsung u ieħor iPhone 5 li x-xhud ma esebihx, stante illi kien għadu qed jinvestiga dwaru. Ix-xhud esebixxa *inter alia* ż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat[3], il-boroż li nstabu fil-fond (Dok. GM 4), is-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat (Dok. GM 5) u l-*mobile phone* tal-għamla Samsung (formanti parti minn Dok. GM 3).[4]

4. **PS 518 Anthony Degiovanni** xehed illi nhar is-6 ta' Novembru 2015, l-Ispettur Gabriel Micallef tahom struzzjonijiet sabiex imorru f'indirizz fi Triq San Ġorġ, St. Venera, fejn ma kellu jitħalla jidħol ħadd. Sussegwentement, l-imputat li kien ġie arrestat dak il-lejl stess, ġie akkumpanjat hemmhekk. Jgħid ukoll illi flimkien mal-imputat huma daħlu fl-appartament, li l-bieb tiegħu

[1] Ara a fol. 20 sa 28 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 29 sa 31 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 35 sa 36B tal-proċess.
[4] Ara a fol. 32 sa 34 tal-proċess.

kien jidher sgassat u fih ma kien hemm ħadd, u ġewwa fil-kamra tas-sodda, instabet kaxxa li kienet mimlija boroż ossia *sachets* ġodda.[5]

5. Jirriżulta mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut** illi għall-analizi tiegħu, huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella immarkat S/B/514/2015 kontenenti (i) *evidence bag* immarkat Dok. GM3; (ii) boroż immarkati Dok. GM4; u (iii) *evidence bag* bin-numru S00829045 u immarkat Dok. GM5 kontenenti pakkett tas-sigaretti li kien fih sitt qratas tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn abjad.

   Dwar dan id-dokument, l-esperti jikkonkludi:

   "(a) **Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 005_17_01 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Il-piż total tat-trab kien ta' <u>3.34 grammi</u> u l-purita kienet ta' ċirka <u>18%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta**."

6. **RPC 3139 Nikolai Borg**, ġia PC213, xehed illi nhar il-5 ta' Settembru 2015, flimkien ma membri oħra ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet ġewwa Paceville, u daħlu f'*Dash.* Hemmhekk hu u PC 579 waqqfu lil Colin Ciangura, u għamlu tfittxija fuqu u fil-pussess tiegħu kellu sitt pakketti b'suspettata droga kokaina.[6]

Da parti tiegħu, xehed l-imputat **Colin Ciangura** illi kkonferma illi huwa kien twaqqaf mill-pulizija ġewwa Paceville u li fil-pussess tiegħu kienu sabulu ħames pakketti kokajina, liema sustanza huwa jgħid li kienet għall-użu personali tiegħu. Huwa kkonferma bil-ġurament tiegħu l-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva.[7]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx dubbju mill-atti proċesswali illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' sitt pakketti kontenenti trab abjad, li mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta li kien fih id-droga kokaina. Dan l-istat ta' fatt lanqas ma ġie kkontestat mill-imputat, li fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri jgħid illi

---

[5] Ara a fol. 61 sa 63 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 134 u 135 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 80 sa 82 tal-proċess.

huwa kien instab fil-pussess ta' din id-droga ġewwa Paceville, minkejja li jgħid ukoll illi huwa kellu ħames pakketti, meta fil-fatt jirriżulta illi dawn kienu sitta.

Dak li qed jikkontesta l-imputat, kif sostniet id-difiża fit-trattazzjoni tagħha, huwa l-pussess aggravat tal-istess droga, fit-termini tal-ewwel imputazzjoni, stante illi skont l-imputat, id-droga misjuba kienet biss għall-użu personali tiegħu.

Dwar ir-reat ta' pussess aggravat ġie ritenut hekk fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

> "Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw ċerta diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċjata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni w a bazi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ tkun biżżejjed."

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Il-Qorti tosserva illi d-difiża għamlet diversi sottomissjonijiet fis-sens illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu. Fost dawn issostni illi l-imputat kien waħdu meta ġie mwaqqaf mill-pulizija u illi huwa ċar illi kien dieħel fit-*toilet cubicle* sabiex jabbuża minn din id-droga waħdu. In oltre d-difiża tgħid illi l-imputat kien stqarr illi huwa kien jixtri d-droga bi kwantita`, li kien iqattagħha sabiex ikun jista' jużaha matul il-ġurnata, kif ukoll illi l-imputat kien maħkum sew bil-vizzju tad-droga.

Issa apparti illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat ma jgħid xejn minn dan, l-atti huma għal kollox skarni minn provi dwar il-vizzju qawwi tad-droga li d-difiża tgħid illi l-imputat kellu fiż-żmien tal-każ odjern. Mill-istqarrija rilaxxjata minnu, jirriżulta illi l-imputat kien ilu juża l-kokaina bejn erba' u sitt xhur u illi kull tliet ġimgħat, fil-*weekend* kien jagħmel użu mill-kokaina, skont hu, f'ammont ta' bejn erba' jew ħames grammi u skont il-flus li kien ikollu. Jekk kif jgħid hu, kien jagħmel użu mid-droga kull tliet ġimgħat, allura ma jistax jingħad illi kellu vizzju qawwi tad-droga.

Bl-istess mod huma gratwiti s-sottomissjonjiet tad-difiża rigwardanti r-riforma tal-imputat, li lanqas ma nġabet prova dwarhom. Sottomissjonijiet bħal dawk magħmula mid-difiża setgħu kienu valevoli fi proċeduri mressqa ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jew in kwantu l-piena f'każ ta' ħtija, dejjem meta tinġieb il-prova dwar l-istess, iżda mhux fid-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat fil-proċeduri tal-lum.

Illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi l-imputat kien maħkum minn problema akuta ta' abbuż tad-droga, għalkemm mhux kontradett f'dak li jistqarr fl-istqarrija rilaxxjata minnu, fis-sens illi huwa kien jagħmel użu mid-droga kokaina. Lanqas ma jirriżulta illi l-imputat kien waħdu meta l-pulizija daħlet għall-għarrieda fit-*toilet cubicles,* iżda anzi għall-kuntrarju jirriżulta illi l-imputat kien qiegħed jistenna wara ħaddieħor sabiex jagħmel użu mill-istess *cubicles*, għakemm ma jistax jingħad mill-provi jekk l-imputat kienx fil-kumpanija ta' ħaddieħor. Il-Qorti tqis ulterjorment illi r-rimanenti riżultanzi, fosthom l-użu ta' kartiera tan-nisa u l-pussess ta' *mobile phone* da parti tiegħu, li allegatament kien ser jiġi rikonsenjat wara li kien instab minnu, skont hu, xi xahar qabel ġewwa *club* f'Paceville, ixellfu l-kredibilita` tal-imputat, anke jekk dan ma jfissirx awtomatikament illi l-imputat allura għandu jinstab ħati tar-reat odjern. Impellenti fil-fehma tal-Qorti hija s-sejba ta' numru ta' boroż normalment assoċjati ma' traffikar ta' droga fir-residenza tal-imputat; sejba li, mill-assjem tal-provi, ma tagħti ebda sostenn lis-sottomissjoni tad-difiża li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni illi l-imputat kien sejjer b'xi mod iqassam jew jittraffika xi droga. Għalfejn l-imputat kien jeħtieġ li jkollu din il-kwantita` ta' boroż fil-pussess tiegħu, meta fl-istqarrija tiegħu, huwa qal illi kien jixtri d-droga f'pakketti u li kien jixtrihom bil-waħdiet, bħal dawk li nstabu fil-pussess tiegħu? Li kieku dan kien il-każ, l-imputat ma kienx ikollu bżonn ta' provvista ta' boroż ġodda fir-residenza tiegħu.

Il-Qorti qed tqis imbagħad illi fil-pussess tal-imputat instabu sitt pakketti bid-droga kokaina, u li għalkemm il-kwantita` tad-droga ma kinitx waħda la tant sinjifikanti u lanqas mill-banda l-oħra negliġibbli, il-piż tat-trab fl-istess pakketti kien wieħed tassew simili. Fil-fatt mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi d-droga kienet maqsuma hekk fis-sitt pakketti – 0.52g, 0.58g, 0.61g, 0.52g, 0.54g u

0.57g. Jidher ukoll mill-istqarrija tiegħu, illi apparti din id-droga, l-imputat kien akkwista iżjed minn hekk għaliex meta mistoqsi kemm xtrahom, huwa jgħid "*Il-boroz il-kbar €40 il-wahda, u l-boroz iz-zghar, li hemm 6 fijhom nofs daqs kemm fijhom il-kbar. B'kollox hallast €240*".[8] Dan ifisser illi l-imputat kien akkwista madwar tliet grammi oħra kokaina, apparti dawk li nstabu fil-pussess tiegħu – ammont dan li jissupera dak li skont l-imputat kien juża huwa stess fil-*weekend*.

Mhux biss, iżda fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid illi ma kienx jaħdem u illi kien ilu wieqaf xi xahar mix-xogħol, f'liema xogħol kien jaħdem biss *part-time* u kien qiegħed bi prova. Kellu kera ta' €300 fix-xahar u kien jagħmel pagamenti ta' €113 fix-xahar fuq il-vettura tiegħu, fil-waqt illi kien jipperċepixxi *relief* ta' €400 fix-xahar u €80 f'sussidju tal-kera. Dan ifisser illi l-flus li kien jipperċepixxi kienu jammontaw kważi daqs is-somma li kellu bżonn biss għall-kera u għall-pagamenti fuq il-vettura. Skont hu, imbagħad, kien xtara d-droga li kellu fil-pussess tiegħu għas-somma ta' €240. Għalkemm jgħid li kien jissellef mingħand ommu u mingħand nanntu, l-infieq fuq id-droga ċertament li ma kienx rikonċiljabbli ma' dak li kien jipperċepixxi.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qegħda ulterjorment taddebita lill-imputat bl-aggravju tad-distanza taħt it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` illi l-imputat ikkometta dan ir-reat ġewwa *club* jew post fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Id-difiża m'għamlet l-ebda sottomissjoni dwar dan l-aggravju.

Il-Qorti qed tqis illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward hija x-xhieda ta' PS 579 u ta' RPC 339, li xehdu illi l-imputat instab fi stabbiliment bl-isem ta' *Dash Dicotheque*, drabi oħra fl-atti deskritt bħala *'club'*. Ma jirriżultax mill-atti madanakollu li dan il-post, anke jekk diskoteka jew *club*, huwa xi post fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Fil-fehma tal-Qorti, mhuwiex suffiċjenti li l-Prosekuzzjoni turi li r-reat seħħ fi *club* jew diskoteka, mingħajr ma ssir prova ta' dak li jikkwalifika l-post fit-termini tal-proviso fuq imsemmi. Fin-nuqqas ta' prova illi *Dash Discotheque* huwa post fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' dan l-aggravju.

---

[8] Ara a fol. 35 tal-proċess.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Frar 2020, mil-liema jirriżulta illi preċedentement l-imputat instab ħati ta' kompliċita` f'serq aggravat, tentattiv ta' serq aggravat u serq aggravat f'iżjed minn okkażżjoni waħda, assoċjazzjoni sabiex isir delitt, offiża ta' natura ħafifa, fastidju, biża' li ser tintuża vjolenza u reat kontravenzjonali, dwar liema huwa ġie mqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* f'żewġ okkażżjonijiet u ngħata liberazzjoni kundizzjonata. Tqis ukoll illi dawn ir-reati jirrisalu għas-snin 2009 sa 2011.

Il-Qorti qieset ukoll in-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, il-kwantita` ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu u ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Qieset ukoll illi minkejja illi din il-Qorti, kif diversement preseduta, apparti li ordnat l-iffriżar tal-assi tal-imputat kif mitlub mill-Prosekuzzjoni, ordnat ukoll li ssir tfittxija dwar l-assi tal-istess imputat u nnominat għal dan il-għan lir-Reġistratur tal-Qorti, baqa' ma ġie ppreżentat ebda rapport dwar l-istess.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **Colin Ciangura** mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, fil-waqt li qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' mija, tnejn u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€182.90), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna r-rilaxx tal-oġġetti formanti parti minn Dok. GM 3 favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tal-boroż u tad-droga esebiti bħala Dok. GM 4 u Dok. GM 5 rispettivament, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-

distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat